Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8764/26

LIMITE

CORLX 412
CFSP/PESC 612
EPF AM 59
CSDP/PSDC 263
CSC 273
EUMC 169
COPS 243

PUBLIC

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL(PESK) 2026/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015
dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi
biex tappoġġa l-Forzi Armati tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015[1]; li stabbiliet miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

(2) Il-konsenja ta' parti mit-tagħmir lill-Forzi Armati tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania esperjenzat dewmien u mhux ser titlesta qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015. Għalhekk jeħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż bi 15-il xahar mit-22 ta' Lulju 2027 sat-22 ta' Ottubru 2028.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2015 tat-22 ta' Lulju 2024 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L; 2024/2015, 23.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2015/oj).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2015, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 51 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

PUBLIC